**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 25 ta' Frar 2021

Rikors Numru: 21/2018 AL

**A B u l-Avukat Dr Noel Cutajar u l-PL Jean Pierre Busuttil li ġew nominati bħala Kuraturi ad litem biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri C B u dan permezz ta' digriet datat 9 ta' Frar 2018**

**vs**

**D E F,**

**G B, u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi,[1] li permezz tiegħu ppremettew:

1. *Illi nhar it-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011), l-esponenti weldet tifla minuri, gewwa tal-Qroqq, l-Msida (Malta), li ingħatat l-isem*

[1] Fol. 1 – 16.

*ta' C B, (certifiat tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bhala 'DOK A') u dan minn relazzjoni extra-matrimonjali illi r-rikorrenti kellha ma' l-intimat D E F;*

2. *Illi fil-perjodu meta twieldet il-minuri, C, l-esponenti A B, kienet mizzewga (kif filfatt ghadha) lill-intimat l-iehor u ċioe lil G B;*

3. *Illi ghalhekk, u dan ai termini tal-ligi, il-minuri giet awtomatikament registrata fuq isem zewg l-omm, u ċioe l-intimat G B, li filfatt mhux il-missier naturali tal-istess minuri;*

4. *Illi konsegwentament fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C B, fil-parti dedikata ghad-dettalji tal-missier, hemm erronjament imnizzel 'G B (Pieta, Malta)' flok 'E F (Pieta, Malta)';*

5. *Illi diga saru t-testijiet xjentifici appoziti, ezattament fit-tletin (3) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) li juru illi l-missier naturali tal-minuri C B, huwa filfatt D E F;*

6. *Illi fid-dawl ta' dak appena espost, l-esponenti tixtieq, u dan anke fl-ahjar iteress ta' bintha minuri, illi c-certifikat tat-twelid ta' l-istess bintha jigi emendat minn l-Intimat Direttur Registru Pubbliku fis-sens illi taht il-kolonna dedikata ghal missier naturali tal-minuri, il-kliem 'G B (Pieta, Malta) jigu kancellati u sistitwiti bil-kliem 'D E F (Pieta, Malta) u dan sabiex l-istess D E F, jigi registrat bhala l-missier naturali tal-minuri C B, kif filfatt huwa realment, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*Talbet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

1. *TIDDIKJARA illi l-missier naturali tal-minuri C B imwielda nhar it-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011), gewwa tal-Qroqq, l-Msida (Malta) huwa l-intimat D E F, u mhux l-intimat G B, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, occorendo anke bin-nomina ta' espert/i appoziti;*

2. *Konsegwentament TORDNA lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaghmel id-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri C B enumerat bin-numru ta' iskrizzjoni 1386/2010 (1245060), fis-sens illi l-*

*intimat D E F jigi indikat formalment f'dan id-dokument bhala l-missier naturali tal-minuri, u dan billi fil-kolonna dedikata ghal Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier, il-kliem 'G B (Pieta, Malta)' jigu mhassra u kkancellati u sostitwiti bil-kliem 'D E F' (Pieta, Malta);*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża istanti u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi fil-mertu, l-esponenti teċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' D E F u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici li jeskludu lil intimat G B, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi fl-istess waqt huwa estremament importanti ġialadarba l-minuri għandha seba' snin, li tiġi megħluba l-prezunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement jiġi muri illi l-pussess ta' stat tal-minuri,*

[2] Fol. 29 – 31.

*ma' jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1386 tas-sena 2011;*

5. *Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut D E F, sabiex jippreżenta d-dettalji personali tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

6. *Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem G B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 1386/2011;*

8. *Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponenti u kwindi hija m'għandiex tigi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin minn issa jiġi inġunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut G B,[3] fejn eċċepixxa:

[3] Fol. 33 – 35.

1. *Illi jekk dan ma sarx diga, l-attrici, A B, ghandha tottempora ruhha mad-disposizzjonijiet tal-artikolu 77C ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-attrici, A B, ghandha tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifla minuri, C, hija wettqet adulterju mal-konvenut, D E F;*

3. *Illi it-tabiba Marisa Cassar ghandha tikkonferma bil-gurament taghha it-testijiet xjentifici, u jekk il-Qorti thoss il-htiega, ghandhom isiru it-testijiet ulterjuri minn espert mahtur mill-Qorti, sabiex l-ezercizzju isir taht il-lenti ta' din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kontra l-attrici, A B;*

4. *Illi salv ghas-suespost, l-esponent ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici u dan stante illi huwa ghandu interess illi c-certifikat tat-tifla minuri, C tirrifletti r-realta' u dan anke fl-ahjar interess tal-istess minuri.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ta' G B;

Rat ir-risposta ta' Dr Noel Cutajar u PL Jean Pierre Busuttil bħala kuraturi *ad litem* sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri C B,[4] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti ghadhom mhumiex edotti mill-fatti.*

2. *Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba l-espnonenti jirnexxielhom jaghmlu kuntatt mal-socjetajiet esteri;*

3. *Illi l-esponenti, f'dan l-istadju, ma ghandhom ebda nota jew dokument relattiv ghal kaz x'jipprezentaw u jirriservaw id-dritt sabiex jelenkaw lista ta' xhieda u dokumenti skont il-kaz li jkun hemm kuntatt mal-konvenuti.*

4. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat illi l-konvenut D E F ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar it-2 ta' Marzu 2018,[5] u li ma pprezenta l-ebda risposta entro t-terminu ta' għoxrin

[4] Fol. 45.
[5] Fol. 25.

jum ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant fil-proċeduri istanti, l-konvenut D E F jinsab fi stat ta' kontumaċja;

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri C B, bin-numru progressiv 1386 tas-sena 2011;[6]

Rat in-nota tal-attriċi A B ta' nhar l-24 ta' Ġunju 2019, permezz ta' liema ġew ikkonfermati d-dettalji kollha tal-konvenut D E F u l-ghazla tal-kunjom li għandha tassumi l-minuri f'kaz li t-talbiet attriċi jiġu akkolti minn din il-Qorti;[7]

Rat l-affidavit ta' Paul Sultana, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0544260M, liema affidavit ġie debitament maħluf u pprezentat minnu stess nhar it-3 ta' Frar 2020, u li miegħu hemm anness ir-rapport xjentifiku tad-DNA redatt minn Dr Marisa Cassar fir-rigward tal-minuri C B, u dan wara li ġiet mgħoddija kampjuni orali tal-attriċi A B, il-konvenut D E F u l-minuri C B, minn għand l-imsemmi Paul Sultana;[8]

Rat id-digriet ta' nhar l-1 ta' Settembru 2020, fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta fir-rikors tal-attriċi ta' nhar il-31 ta' Awwissu 2020 rigward l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili;[9]

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar li ġie maħluf u pprezentat nhar is-17 ta' Settembru 2020, u li miegħu hemm anness l-affidavit surreferit ta' Paul Sultana u r-rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt fir-rigward tal-minuri C B;[10]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. *L-Azzjoni Odjerna:*

[6] Fol. 7.
[7] Fol. 53.
[8] Fol. 61 – 62.
[9] Fol. 77.
[10] Fol. 78 – 81.

Fir-rikors ġuramentat, l-attriċi tikkontendi li hi mizzewġa lil G B u l-minuri ġiet imnissla u mwielda matul l-istess zwieġ. Madanakollu, l-attriċi tammetti li matul dan iz-zwieġ, hija kellha relazzjoni extra-maritali ma' D E F, li huwa proprju l-missier naturali u bijologiku tal-minuri. In vista tal-fatt li l-attriċi hija mizzewġa lil G B u minkejja li l-minuri hija l-wild naturali ta' D E F, mat-twelid, il-minuri ġiet imnizzla bħala bint G B. Għaldaqtstant, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi flimkien ma' bintha qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-minuri C B ma hijiex il-wild natuali u bijoloġika ta' G B izda li hi l-bint ta' D E F, u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid tal-minuri sabiex l-istat veru tal-minuri jiġi rifless.

Għal tali talba, l-konvenut G B, filwaqt li ssolleva numru ta' eċċezzjonijiet rigward il-proċedura li għanda tiġi segwita, huwa b'mod in ġenerali ma oġġezzjonax li ssir tali dikjarazzjoni in vista tal-fatt li huwa għandu interess li l-Att tat-Twelid tal-minuri jkun jirifletti l-verita'. Min-naħa l-oħra, l-allegat missier D E F, minkejja li ġie debitament notifikat bir-rikors promotur, naqas milli jwieġeb u b'hekk jinsab fi stat ta' kontumaċja. Magħdud ma' dan, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ukoll wieġeb għar-rikors ġuramentat tal-attriċi, fejn issolleva numru ta' eċċezzjonijiet sabiex b'hekk il-proċedura legali tkun segwita *in toto,* filwaqt li ddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif dikjarati mill-atturi omm u bint.

Il-Qorti tinnota ukoll illi l-kawza odjerna ġiet istitwita ukoll mill-minuri C B, li permezz ta' digriet datat 9 ta' Frar 2018 qiegħda tiġi rapprezentata minn kuraturi deputati. Madanakollu, wara li l-kuraturi deputati ġew notifikati bl-atti tal-kawza bħala rapprezentanti tal-attriċi minuri, stranament dawn *wieġbu* għar-rikors daqslikieku huma kienu qed jirrapprezentaw minuri bħala konvenuta fil-kawza odjerna. Dan jagħti lil Qorti x'tifhem illi l-kuraturi deputati in kwistjoni, lanqas biss ittentaw jevalwaw l-atti notifikati lilhom u jaraw dak li hu mistenni minnhom fiċ-ċirkostanzi, għaliex addirittura lanqas irrealizzaw illi huma kienu qed jirrapprezentaw minuri bħala attriċi għal kawza u mhux bħala konvenuta. B'dispjaċir kbir, il-Qorti qiegħda tifhem illi ġialadarba l-kuraturi deputati lanqas biss taw kas tal-atti u l-irwol li kellhom jassumu, aħseb u ara kemm kellhom l-intenzjoni li jissalvagwardjaw l-interessi supremi tal-minuri. Minkejja li l-Qorti tifhem li n-natura ta' din il-kawza hija waħda diretta u pjuttost sempliċi, xorta waħda tali aġir ma għandux ikun ġustifikat għaliex l-interessi tal-minuri għandhom ikunu protetti f'kull waqt, sia jekk il-kwistjoni legali tkun waħda bazika u kif ukoll iktar kumplessa. Din il-Qorti għandha għal qalbha ferm l-

interessi tal-minuri, liema interessi għandhom jingħataw l-ogħla protezzjoni f'kull waqt. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda twiddeb illi tali aġir minn uffiċċjali tal-Qorti huwa deplorabbli u m'għandux jirrepeti ruħu għaliex hekk biss din il-Qorti tkun qiegħda tagħti l-wesa` sabiex id-drittijiet u l-interessi tal-minuri jibdew jiġu mminati fi proċeduri legali. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni tar-risposta pprezentata mill-kuraturi deputati.

2. *Il-Prinċipji Legali:*

In tema legali jingħad illi ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili *"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi"* u huwa proprju minħaba tali prezunzjoni legali li l-minuri ġiet imnizzla bħala l-wild ta' G B, ċjoe' zewġ l-attriċi A B. F'dan l-istadju, l-attriċi flimkien mal-minuri, qegħdin jitolbu illi l-Qorti tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa D E F, minnflok G B. In vista tal-fatt illi, l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-omm u kif ukoll li l-minuri ġiet imnissla u mwielda fi zmien meta l-istess omm kienet mizzewġa lil G B, tali azzjoni tikkwalifika bħala waħda bbazata fuq l-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

*"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild".*

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A sbinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens*

*tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. *L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

It-talba tal-atturi hekk imsejsa fuq Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn qiegħda tintalab minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali rigward il-paternita' tal-minuri C B, fis-sens illi m'hijiex il-wild naturali ta' zewġ l-omm G B izda hija l-wild naturali ta' D E F.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex *in primis* tissottolineja illi ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni odjerna kellha ssir mill-omm kontra zewġha, l-allegat missier u l-minuri. F'dan il-kaz, il-minuri tinsab bħala attriċi flimkien ma' ommha, legalment rapprezentata minn kuraturi deputati. Minkejja l-fatt illi l-azzjoni odjerna ma ġietx istitwita skont id-diċitura tal-liġi stess, il-Qorti xorta waħda sejra tgħaddi sabiex tissorpassa tali nuqqas u dan f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju.

Skont ir-risposti li ġew ipprezentati, jidher illi kemm il-konvenut G B u kif ukoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ssollevaw numru ta' eċċezzjonijiet. Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni ta' G B u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u ċjoe' rigward l-awtorizzazzjoni meħtieġa abbazi tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, mill-atti proċedurali jidher illi tali eċċezzjoni ġiet sorvolata mill-atturi stante li nhar il-31 ta' Awwissu 2020 ġie pprezentat rikors f'dan is-sens, liema rikors ġie milqugħ minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat l-1 ta' Settembru 2020.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Paul Sultana ta' nhar it-3 ta' Frar 2020, u kif ukoll l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ta' nhar is-17 ta' Settembru 2020, fejn ġie ikkonfermat illi Paul Sultana ġie inkarigat sabiex jieħu l-kampjuni orali tal-omm A B, l-allegat missier D E F u l-minuri C B, liema kampjuni ġew mgħoddija lil Dr Marisa Cassar sabiex b'hekk tkun tista' tasal għal konkluzjoni dwar il-paternita' tal-minuri. Fil-fatt Dr Marisa Cassar permezz ta' rapport xjentifiku, ikkonkludiet illi t-test tad-DNA irrizulta illi D E F, detentur tal-Karta tal-Identita' XXXX huwa l-missier naturali tal-minuri C B. Għaldaqstant dan jikkonferma illi t-tieni u t-tielet eċċezzjoni ta' G B u kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġsitru Pubbliku, ġew sorvolati u dan stante li kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u

ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra.

B'referenza għar-raba' eċċezzjoni tad-Direttur konvenut li titkellem dwar il-pussess ta' stat tal-minuri C B ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad illi *"huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteġi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi"*.[11] Din il-Qorti tirrileva illi l-azzjoni ta' din ix-xorta, hija waħda minn ħames (5) azzjonijiet ai termini tal-liġi u ċjoe' sabiex tiġi attakkata l-paternita' tal-ulied, liema azzjonijiet huma s-segwenti:

(i) Ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-konjuġi li ma wellidx,
(ii) Ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tista' ssir minn min ikollu interess,
(iii) Ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-allegat missier,
(iv) Ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-omm, u
(v) Ai termini tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-iben innifsu.

Illi a kuntrarju tal-azzjonijiet elenkati f'Artikoli 77 u 77A, dawk l-azzjonijiet imsemmija f'Artikoli 70, 77B u 84 tal-Kodiċi Ċivili, ma humiex subordinati għall-Artikolu 81 li jitratta l-kwistjoni tal-pussess ta' stat. Għaldaqstant, mingħajr ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-presunzjoni legali tal-pussess ta' stat maħluqa permezz tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili u r-relevanza tal-istess fil-prezent, din il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu tal-liġi ma huwiex subordinat għall-Artikolu 81, ma hemmx l-obbligu u n-neċċessita' li l-Qorti tevalwa u tikkumenta dwar tali kwistjoni. Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tad-Direttur konvenut.

Fl-aħħar lok u referibbilment għad-dettalji tal-konvenut D E F u kif ukoll il-kunjom tal-minuri, u dan b'referenza għall-ħames u s-sitt eċċezzjoni tad-Direttur

[11] Ara s-sentenza fl-ismijiet **H sive D Gauci vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**, deċiża nhar it-30 ta' Ġunju 2004.

tar-Reġistru Pubbliku, din il-Qorti tirrileva illi dawn ġew sorvolati ukoll. Illi mill-atti tal-kawza odjerna jidher li d-dettalji tal-konvenut F ġew iddikjarati kemm permezz ta' nota u kif matul is-seduta ta' nhar it-3 ta' Diċembru 2020 li huma: (i) In-Numru tal-Karta tal-Identita' – XXXX, (ii) Isem u Kunjom – D E F, (iii) L-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri – 41 SENA, (iv) Il-post tat-twelid tiegħu – PIETA', (v) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieldet il-minuri – QORMI, (vi) Isem u kunjom Missieru – H F, (vii) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri – LE.

Magħdud mal-premess, u fir-rigward tal-kunjom jidher li x-xewqa tal-omm u kif ukoll tal-missier hija li l-minuri tassumi l-kunjom *'F B'.* Il-Qorti tevalwa li għalkemm ma huwiex magħruf jekk l-attriċi A B u zewġha G B għadhomx mizzwġin *o meno,* l-attriċi għadha tuza l-kunjom *'B'.* Il-Qorti tinnota illi l-kuraturi deputati għan-nom tal-minuri, f'dan ir-rigward ma ddikjaraw xejn. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi fl-aħjar interessi tal-minuri, din tal-aħħar għandha tassumi l-kunjom *'F B'.*

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti G B u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara illi D E F detentur tal-karta tal-identita' XXXX huwa l-missier naturali tal-minuri C B, u mhux il-konvenut l-ieħor G B;

2. Tilqa' it-tieni talba tal-atturi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' C B, liema Att tat-Twelid għandu n-numru progressiv 1386 tas-sena 2011, b'dana illi l-kunjom tal-minuri mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jkun dak ta' *'F B'.*

Bl-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati b'mod ugwali mill-attriċi A B u l-konvenut D E F.